# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 83

## IT-TIENI LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 83

It-Tlieta 9 ta' Mejju 2017

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fis-6:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Edgar Montanaro – Kunsillier San Ġiljan
Is-Sur Paul Radmilli – Kunsillier Tas-Sliema
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera

ASSENTI
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### 83.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

83.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Anthony Dalli u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

### 83.2 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements

83.2.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informal ill-membri preżenti li kellha tiġi msejħa laqgħa b'urġenza għat-tieni darba sabiex jiġu approvati l-*Audited Financial Statements*.

83.2.2 Huwa ġibed l-attenzjoni kif l-awdituri Mazars għaddew l-aġġustamenti nhar il-Ħamis 27 ta' April 2017 fl-9:50 ta' filgħaxija meta dawn id-dokumenti kellhom jiġi approvati mill-membri tar-Reġjun u preżentati lil Mazars sal-Ġimgħa 28 ta' April 2017.

83.2.3 Peress li d-dewmien kien min naħa ta' l-awdituri, is-Segtarju Eżekuttv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat lid-DLG kif ukoll lill-NAO sabiex ikunu infurmati u din it-talba ġiet milquha. Għal din ir-raġuni huwa stieden lis-Sur Daniel Galea, sabiex jgħati spjegazzjoni dwar l-aġġustamenti li kienu saru.

83.2.4 Wara li s-sur Daniel Galea spjega l-aggustamenti, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet mingħand il-membri preżenti.

83.2.5 Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andrè Grech, kif ukoll is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manchè, staqsew dwar il-provision of bad debts.

83.2.6 Is-Sur Galea spjega ukoll dwar l-iżbal li kien sar mill-accountant preċedenti fejn l-iżbal fid-differenza ta' l-ammonti fuq il-kiri ta' l-uffiċini kien ġie kkoreġut f'dan ir-rapport.

83.2.7 Peress li ma kienx hemm aktar mistoqsijiet, l-*Audited Financial Statements* ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Gżira, sis-Sur Conrad Borg Manchè u sekondati mill-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech.

### 83.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

83.3.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:15pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 17 ta' Mejju 2017 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 17 ta' Mejju, 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Jeanette Galea |
| Viċi President | Segretarju Eżekuttiv |